MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Numru 291/2004

I1-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Charlot Calleja

ILLUM IL-ERBGHA  5 TA MEJJU  2004

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat, fejn gie akkuzat illi:-

F’dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta’ April 2004, u matul l-ahhar l-erba’ xhur qabel dina d-data, gewwa Hal-Qormi:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilhu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fi-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bil-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-27 ta April 2004 fejn ordna li l-imputat jressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall –imsemmija akkuzi.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-imputat, wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453 wissietu bil- konsegwenzi legali tat-twegiba tieghu u tghatu zmien biex jikkonsidra, stqarr li huwa hati tar-reati dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-Avviz Legali G.N.292/1939 u l-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta Malta. Wara li qieset

il-kooperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija fl-investigazzjoni tal-kaz u l-adezjoni tal-Prosekuzzjoni ghat-talba tal-imputat biex jinghata l-liberta' kundizzjonata, u billi din il-Qorti hi tal-fehma li, fil-qies tac-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta tar-reat u l-karattru u kundizzjoni tal-hati, mhux espedjenti li tikkundanna lill-hati ghal piena, b'applikazzjoni tal-istess Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Inoltre, billi ma gewx mahtura periti f'dawn il-proceduri tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------